**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**26 ta' Lulju, 2020**

# L-EWWEL TQARBINA

Fil-jiem li ġejjin se jkollna żewġ gruppi ta' tfal li se jirċievu lil Ġesù għall-ewwel darba. B'kollox għandna 40 tifel u tifla li se jitqarbnu għall-ewwel darba. Minħabba ċ-ċirkustanzi partikulari tal-pandemija tal-Corona Virus, għal din is-sena t-tfal se jirċievu l-ewwel tqarbina subien għalihom u bniet għalihom. Minkejja din is-sitwazzjoni xorta waħda se jkollhom l-opportunità li jagħmlu din l-esperjenza tal-laqgħa ma' Ġesù ... Id-Divin u l-Uman. Għeżież ġenituri f'dawn l-aħħar ftit jiem li fadal għidulhom lit-tfal tal-ewwel tqarbina li dan se jkun jum kbir għalihom. Bħalma ħajjitna ġiet immarkata bit-twelid u l-magħmudija, il-jum tal-ewwel tqarbina se jkun mument fejn taħt l-ispeċi tal-ħobż u l-inbid huma jirċievu lit-tifel ta' Marija u Alla tagħna.



Biex noħolqu atmosfera u ambjent għat-tfal, fejn ikunu jistgħu jirriflettu ftit u jitolbu, nissuġġerilkom dan li ġej:

- Lit-tfal fakkruhom li issa għandhom jagħmlu minn kollox biex jirċievu lil Ġesù ta' sikwit;
- Intom stess agħmlu sforz biex tiġu magħhom il-knisja, anke fost il-ġimgħa. Jien ninnota lil xi wħud mill-ġenituri jkomplu jiġu ma' wliedhom fil-jiem ta' wara l-ewwel tqarbina. Xi darba tiġi n-nanna wkoll, dan huwa eżempju mill-aqwa;
- Għidulhom li mal-kliem tal-konsagrazzjoni "Ħudu u kulu ... ħudu u ixorbu ..." Ġesù jkun preżenti fuq l-artal;
- Xħin jitqarbnu għallmu lit-tfal biex joqogħdu jkellmu lil Ġesù u jitolbuH iħares lilkom il-ġenituri, it-tfal sħabhom u oħrajn;
- Fissrulhom li bħalma Ġesù jsir ikel bnin għalina, aħna wkoll irridu nsiru ikel bnin għall-oħrajn bil-ħajja tal-karità li nippruvaw ngħixu.

Nitolbu għat-tfal tal-ewwel tqarbina; nifirħu magħhom u nidraw inqerru u nitqarbnu regolarment biex nagħtuhom eżempju.

***L-Arċipriet***

## AVVIŻI OĦRA:

**IS-SORIJIET FRANĠISKANI TAN-NADUR:** għandhom kopja tal-edizzjoni l-ġdida ta' Madre Ġemma Camilleri bl-Ingliż. Tistgħu takkwistaw kopja mill-kunvent stess għal prezz ta' €10.

**L-GĦAQDA ARMAR DIĊEMBRU 13:** se torganizza BBQ nhar il-Ġimgħa 31 ta' Lulju fil-bajja ta' Daħlet Qorrot fit-8.00pm. Biljetti mingħand Andrew Muscat jew ċemplu fuq 99101957 / 27560360.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA** javża li:

- nhar il-Ħamis 30 ta' Lulju se jorganizza train ride minn quddiem il-Każin tal-Banda, fis-7.00pm. Biljetti €5 kbar u €3 żgħar. Kellmu lil Lina Cassar jew xi membru minn tal-kumitat.
- nhar il-Ġimgħa 7 ta' Awwissu se jorganizza ġita għax-xow tan-nar fil-Belt Valletta. Tluq minn quddiem il-Każin tal-Banda fl-4.00pm għall-vapur tal-4.30pm. Biljetti €12 mill-banka tal-lottu jew mingħand il-membri tal-kumitat. Tinsewx iġġibu l-maskra magħkom.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:30pm; 7:15pm
**Is-Sibt filgħaxija:** 6:00pm; 7:30pm
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA:**
**il-Ħadd:** 7.30am